



Kunsill Ewropew

Brussell, 16 ta' Lulju 2014
(OR. en)

EUCO 147/14

CO EUR 9
CONCL 3

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (16 ta' Lulju 2014)
- Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa t'hawn fuq.

I. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

1. Wara l-elezzjoni mill-Parlament Ewropew tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President elett, is-Sur Jean-Claude Juncker, marbut b'mod partikolari mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda Strateġika għall-Unjoni fi żminijiet ta' bidla miftiehma fis-27 ta' Ġunju 2014. Huwa jistieden lill-Istituzzjonijiet kollha biex jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom fuq oqsma fejn l-Unjoni tista' tagħmel differenza reali. Il-Kunsill Ewropew tenna l-impenn tiegħu li jiżgura monitoraġġ regolari ta' dawn il-prijoritajiet strateġiċi.
2. Il-President tal-Kunsill Ewropew irrapporta dwar il-konsultazzjonijiet li wettaq, skont it-Trattati, dwar ħatriet oħra għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss. Il-Kunsill Ewropew kellu l-ewwel dibattitu f'dak ir-rigward u qabel li jerġa' lura għalih għal deċiżjoni finali f'laqgħa speċjali fit-30 ta' Awwissu.
3. Il-Kummissjoni l-ġdida ser tinħatar mill-Kunsill Ewropew wara vot ta' kunsens mill-Parlament Ewropew, dwar il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni bħala korp.

II. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Ukraina

4. Filwaqt li jfakkar fid-dikjarazzjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern dwar l-Ukraina tas-6 ta' Marzu u s-27 ta' Mejju u l-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Marzu u s-27 ta' Ġunju, il-Kunsill Ewropew għal darb'oħra jenfasizza l-appoġġ tiegħu għal soluzzjoni paċifika tal-kriżi fl-Ukraina, b'mod partikolari l-ħtieġa urġenti biex jintlaħaq qbil dwar waqfien mill-ġlied ġenwin u sostenibbli mill-partijiet kollha biex jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' pačì tal-President Poroshenko. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-isforzi diplomatičì mill-Ukraina, il-Federazzjoni Russa, Franza u l-Ġermanja, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Berlin tat-2 ta' Lulju.

5. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-kontinwazzjoni ta' attivitajiet illegali mill-militanti armati fl-Ukraina tal-Lvant, inkluż l-okkupazzjoni ta' bini pubbliku, teħid ta' ostaġġi u attakki armati fuq l-infurzaturi tal-liġi u l-gwardji tal-fruntiera Ukraini. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Federazzjoni Russa biex tuża b'mod attiv l-influwenza tagħha fuq il-gruppi armati illegalment u biex twaqqaf il-fluss ta' armi u militanti minn naħa għall-oħra tal-fruntiera, sabiex it-tensjoni titnaqqas b'mod rapidu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-deċiżjoni tal-11 ta' Lulju biex tiġi estiża l-projbizzjoni fuq l-ivjaġġar u l-iffriżar tal-assi fl-UE għal 11-il individwu ġdid għall-azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina. L-Istati Membri qablu wkoll li ma titkompliex l-applikazzjoni tal-ftehim tagħhom tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-liċenzji tal-esportazzjoni.
6. Il-Kunsill Ewropew jiddispjaċi li l-passi mitluba li huwa stabbilixxa fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju ma ttiħdux b'mod adegwat. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill Ewropew jaqbel li jespandi l-miżuri restrittivi, bil-ħsieb li jiġu mmirati entitajiet, inkluż mill-Federazzjoni Russa, li qegħdin jappoġġaw b'mod materjali jew finanzjarju azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu s-sovranià, l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Ukraina. Huwa jagħti lill-Kunsill l-inkarigu li jadotta l-istrumenti legali meħtieġa u jiddeċiedi sa tmiem Lulju dwar l-ewwel lista ta' entitajiet u persuni, inkluż mill-Federazzjoni Russa, li għandhom jiġu elenkati taħt il-kriterji msaħħa. Huwa jitlob ukoll li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġu mmirati individwi jew entitajiet li b'mod attiv jipprovdu appoġġ materjali jew finanzjarju lir-Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet li huma responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-BEI biex jissospendi l-iffirmar ta' operazzjonijiet ġodda ta' finanzjament fil-Federazzjoni Russa. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ser jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-Bord tad-Direttur tal-BERŻ bil-ħsieb ukoll li jissospendu l-iffinanzjar ta' operazzjonijiet ġodda. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta mill-ġdid il-programmi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni, każ b'każ, dwar is-sospensjoni tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni reġjonali u bilaterali tal-UE. Madankollu, il-proġetti li jittrattaw esklużivament il-kooperazzjoni transkonfinali u s-soċjetà ċivili ser jibqgħu.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri wettqu ħidma preparatorja fuq miżuri mmirati, kif huwa talab f'Marzu, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu aktar passi mingħajr dewmien. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li jiltaqa' mill-ġdid ikun meta jkun jekk l-avvenimenti jitolbu dan.

F'konformità mal-politika ta' nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni u s-SEAE jippreżentaw proposti għal miżuri addizzjonali b'mod partikolari biex jiġu ristretti l-investimenti fil-Krimea u f'Sevastopol. Il-Kunsill Ewropew jistenna wkoll li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali iżommu lura milli jiffinanzjaw xi proġetti li jirrikonoxxu b'mod espliċitu jew impliċitu l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.

7. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar l-isforzi tal-OSKE u l-Presidenza tagħha, b'mod partikolari biex jiffaċilitaw il-laqgħat tal-Grupp ta' Kuntatt fl-Ukraina, u jfaħħar il-fatt li jinsabu lesti biex jistabbilixxu missjoni li tissorvelja l-fruntiera, li għaliha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti sabiex jikkunsidraw kontribut sostanzjali.
8. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-impenn tal-Unjoni Ewropea biex tissokta taħditiet trilaterali dwar il-kondizzjonijiet tal-provvista tal-gass mill-Federazzjoni Russa għall-Ukraina, u jfaħħar l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Huwa importanti li jintlaħaq qbil rapidu għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista u t-transitu tal-gass naturali mill-Ukraina lejn l-Istati Membri tal-UE u għall-istabbiliment tal-ekonomija tal-Ukraina.

9. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li l-Ukraina tirtatifika l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bil-ħsieb tal-applikazzjoni proviżorja bikrija tiegħu. Huwa jilqa' t-twettiq tal-konsultazzjonijiet trilaterali fil-livell ministerjali bejn l-Ukraina, il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Lulju dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' wkoll it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni li jindirizza d-diffikultajiet potenzjali li jirriżultaw mill-effetti tal-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Komunità ta' Stati Indipendenti.

Gaża

10. Il-Kunsill Ewropew qed isegwi bi tħassib serju l-vjolenza kontinwa fl-Iżrael u Gaża. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-isparar ta' rokits minn Gaża fuq l-Iżrael u l-immirar indiskriminat ta' ċittadini. L-Iżrael għandu d-dritt jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu minn dan it-tip ta' attakki. Meta jagħmel dan, huwa għandu jaġixxi b'mod proporzjonali u jiżgura l-protezzjoni ta' ċivili f'kull mument. Huwa jiddeplora profondament it-telf ta' ħajjiet innoċenti u l-ġhadd għoli ta' persuni midruba fl-Istrixxa ta' Gaża bħala riżultat tal-operazzjonijiet militari Iżraeljani u jinsab imħasseb ferm bid-deterjorament rapidu u drammatiku tas-sitwazzjoni umanitarja. Il-Kunsill Ewropew jappella liż-żewġ naħat biex inaqqsu l-gravità tas-sitwazzjoni, biex itemmu l-vjolenza, biex itemmu t-tbatija tal-popolazzjonijiet ċivili b'mod partikolari billi jagħtuhom aċċess għall-assistenza umanitarja, u li terġa' taqa' l-kalma. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi li qed isiru minn sħab reġjonali, b'mod partikolari l-inizjattiva li tniedet mill-Eġittu, biex jistabbilixxu waqfien mill-ġlied u jitlob lill-Hamas biex jaqbel ma' tali waqfien mill-ġlied. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ għal dan il-għan. L-Unjoni Ewropea tkompli tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1860 (2009).

11. L-avvenimenti traġiċi fl-aħħar jiem jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li l-partijiet kollha jaħdmu biex jerġa' jissokta l-proċess diplomatiku u biex titfittex soluzzjoni bejn iż-żewġ stati għall-konflitt bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani. L-Unjoni Ewropea ttenni l-offerta tagħha liż-żewġ partijiet ta' pakkett ta' appoġġ politiku u ekonomiku Ewropew u ta' Sħubija Privileġġata Speċjali mal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' ftehim ta' paċi finali.
12. L-Iżraeljani u l-Palestinjani jeħtieġu jagħmlu l-għażla strateġika tal-paċi sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri tagħhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja 'l bogħod mill-konflitti tal-passat u jgawdu l-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità li attwalment qegħdin jiġu miċħuda.
